MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 201/2000/3

**Ronald Agius u Eugenia sive Jean Agius**

**vs**

**Paul Portelli**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat fit-12 ta` Awissu, 2005, minn Ronald u Eugenia sive Jean Agius li in forza tieghu, wara li esponew illi:

B`sentenza tas-6 ta` Ottubru, 1999 fil-kawza fl-ismijiet Paul Portelli vs. Ronald Agius et, (Citazzjoni numru 296/91/JF), din l-Onorabbli Qorti ikkundannat lill-konvenuti (odjerni rikorrenti) biex fit-30 ta` Novembru, 1999 jaddivjenu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt definittiv in esekuzzjoni tal-konvenju datat 25 ta` April, 1990, u jittrasferixxu lill-attur (l-intimat odjern) il-flat numru tlieta, formanti parti mill-blokk ta` appartamenti bin-numru 7, fi Triq San Gwann Bosco, Sliema. Ghal dan l-iskop gew mahtura n-Nutar Tonio Spiteri biex jippubblika l-att u Dr. Ramon Rossignaud biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-att.

In segwitu l-attur f`dik il-kawza, Paul Portelli ipprezenta rikors quddiem il-Qorti ta` l-Appell fejn talab li tigi ffissata data ohra ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt peress li mir-ricerki rrizulta li l-fond in kwistjoni kien kolpit minn Privilegg Specjali favur Lohombus Bank Limited u minn Ipoteka Specjali favur il-Bank of Valletta plc u li kien jehtieg ftit zmien iehor biex jillibera l-flat mill-effetti ta` l-iskrizzjonijiet ipotekarji u jkun possibbli t-trasferiment. Minkejja l-opposizzjoni ta` l-esponenti ghal tali rikors, l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell b`digriet taghha tat-28 ta` Dicembru, 1999 kienet laqghet it-talba tar-rikorrent Paul Portelli u dan ghas-segwenti ragunijiet:

i) il-jum ffissat minnha bis-sentenza tas-6 ta` Ottubru, 1999 ma kienx wiehed ta` dekadenza li ma setax jiggedded izda l-Qorti kienet iddefiniet data ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Ziedet li bis-sentenza taghha hija ma kenitx estendiet it-terminu ghaliex il-konvenju skada fil-mument meta l-konvenuti ma deherux ghall-kuntratt fiz-zmien stipulat;

ii) ir-rikors biex tigi mibdula d-data kien sar qabel id-data stabbilita minnha;

iii) ir-raguni ghat-talba tar-rikorrent ma kenitx frivola; u

iv) hija kompetenza tal-Qorti tal-Appell li tvarja dik il-parti tad-decide taghha li ma tolqotx il-mertu tat-talbiet

attrici izda biss il-modalita` kif il-gudikat ghandu jigi esegwit.

L-istess Qorti ghalhekk estendiet it-terminu u appuntat il-gurnata tat-30 ta` Marzu, 2000 ghall-pubblikazzjoni ta` l-att finali.

L-esponenti pprezentaw il-kawza Cit. numru 201/2000/AM fl-ismijiet Ronald Agius et vs Paul Portelli pprezentata quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili, fejn dawn talbu li tigi impunjata din id-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-28 ta` Dicembru, 1999 wara li ppremettew illi:

i) ir-raguni ghaliex l-konvenut Portelli ghamel ir-rikors kienet ghaliex hu ma kellux flus biex jakkwista l-appartament u li ghalhekk dak ir-rikors kien bla bazi legali;

ii) id-digriet li bih l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell estendiet id-data ghall-pubblikazzjoni kien null u bla effett peress li jmur kontra l-poteri ta` l-istess Qorti, u l-atturi wara t-30 ta` Novembru, 1999 ma kinux izjed marbuta li jbieghu l-fond lil Portelli,

talbu biex dik il-Qorti tiddikjara li:

i) l-konvenut kien inadempjenti meta ma deherx fuq il-kuntratt fid-data ffissata;

ii) r-ragunijiet moghtija minnu fir-rikors tal-25 ta` Novembru, 1999 kienu bla bazi;

iii) d-digriet tat-28 ta` Dicembru, 1999 li bih il-Qorti ta` l-Appell akkordat l-estensjoni fiz-zmien kien null u bla effett fil-ligi; u

iv) li konsegwentement l-atturi ma kinux marbutin ibieghu l-appartament in kwistjoni wara t-30 ta` Novembru, 1999.

Il-konvenut Paul Portelli eccepixxa li *"t-talbiet attrici huma guridikament insostenibbli u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi"*.

B`sentenza tas-16 ta` Gunju, 2004 l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili wara li rriteniet illi bil-kawza odjerna ma kenitx qeghdha tigi kontestata l-kompetenza tal-Qorti ta` l-Appell li tvarja dik il-parti tad-decide taghha li ma tolqotx il-mertu tat-talbiet attrici izda biss il-modalita` ta` esekuzzjoni, izda kien qed jigi sottomess li r-raguni tat-talba ghall-estensjoni ma kenitx wahda valida, ddecidiet li ma setghetx tissindika d-diskrezzjoni tal-Qorti ta` l-Appell fl-akkoljiment tat-talba maghmula f`dak ir-rikors. B`hekk hija kkonkludiet li t-talba ghar-revoka ta` dak id-digriet kellha tigi intavolata quddiem il-Qorti li tat dak il-provvediment. It-talbiet attrici gew ghalhekk michuda, bl-ispejjez kontra l-atturi Agius.

L-esponenti intavolaw l-appell fis-6 ta` Lulju, 2004, u fih jilmentaw illi l-Qorti ghamlet apprezzament zbaljat meta qalet li fil-kawza ma kienx qed jigi kkontestat id-dritt tal-Qorti ta` l-Appell li tirregola b`decizjonijiet simili l-esekuzzjoni tas-sentenza taghha, izda li kien qed jinghad biss li fil-kawza odjern, tali decizjoni kienet erronea minhabba allegazzjonijiet invertijieri mill-appellat.

In sostenn ta` dan huma jirreferu ghal dik il-parti ta` l-att tac-citazzjoni fejn huma ppremettew li bid-digriet taghha – *"tat-28 ta` Dicembru, 1999 illi ordnat li jsir il-bejgh fuq imsemmi f`data ohra u cioe` fit-30 ta` Marzu, 2000, huwa null u bla effett fil-ligi, fost ragunijiet ohra ghaliex imur oltre l-poteri taghha skond il-ligi, u ghaliex wara t-30 ta` Novembru, 1999 l-atturi ma kinux izjed marbuta li jbieghu lill-konvenuti u ghalhekk xejn ma jorbot lill-atturi wara li ghaddiet inutilment id-data fejn il-pubblikazzjoni tal-kuntratt giet ordnata fis-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell tas-6 ta` Ottubru, 1999"*.

Ilmentaw in oltre illi mkien fil-ligi taghna ma jinstab dritt generali li jintitola lill-Qorti ta` l-Appell tintervjeni b`dan il-mod, bil-konsegwenza li l-appellat jaghzel il-hin li fih isir il-kuntratt finali. Qalu li potenzjalment bl-argument tal-Qorti

ta` l-Appell huma setghu jinzammu mdendlin b`mod indefinit u dan a skapitu tad-drittijiet ghall-proprjeta` privata taghhom. **Pero` huma ma setghux jispjegaw dan lill-Prim Awla peress li din ma trattatx il-meritu izda ddecidiet biss jekk kellhiex dritt tissindika tali operat.**

Isostnu li fil-gurisprudenza taghna wiehed isib bosta kazijiet fejn f`kaz ta` digrieti li mhux definiti u lanqas interlokutorji, jkun moghti r-rimedju fil-forma tac-citazzjoni ntavolata quddiem dik il-Qorti li tkun tat id-digriet. Inoltre hemm bosta kazijiet fejn il-Prim Awla annullat digrieti tas-Sekond Awla, u allura ta` Qorti ohra. Jillanjaw li dan huwa wiehed minn dawk id-digrieti impunjabbli biss bil-procedura tac-citazzjoni, u peress li tali procedura mhix ammissibbli quddiem il-Qorti ta` l-Appell tali rimedju ghandu jkun ammissibbli permezz tal-Prim Awla tal-Qorti Civili.

B`hekk talbu r-revoka tas-sentenza u talbu wkoll li l-atti jigu rimessi ghall-kontinwazzjoni tas-smigh fuq il-meritu, bl-ispejjez.

L-intimat allura appellat Paul Portelli wiegeb hekk:

1) Fl-ewwel lok li dan l-appell huwa frivolu u vessatorju u huwa ntiz biex jostakola l-esekuzzjoni tas-sentenza pronuncjata mill-Qorti ta` l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Paul Portelli vs. Ronald Agius et fejn il-konvenuti gew ordnati jaddivjenu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt definittiv u jittrasferixxu lill-atturi l-appartament numru 3, li jinsab 7, Triq San Gwann Bosco, Sliema.

2) Jissottometti li fl-ewwel aggravju taghhom l-appellanti qed jikkontestaw il-kostatazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti li fl-azzjoni odjerna ma kienx qed jigi kontestat id-dritt tal-Qorti ta` l-Appell li tvarja dik il-parti tad-decide taghha li ma tolqotx il-meritu tat-talbiet attrici imma biss il-modalita` ta` esekuzzjoni tal-gudikat, izda li l-atturi qed jikkontestaw l-provvedimenti fih innifsu, peress li skond l-atturi r-raguni ghat-talba ghall-estensjoni tat-terminu ma kenitx wahda valida.

L-appellat jissottometti wkoll li dan l-aggravju huwa nfondat peress li mill-premessi principali kontenuti fl-att tac-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni guramentata jidher car li l-bazi proprja ta` l-azzjoni attrici hija l-allegazzjoni li r-raguni migjuba mill-appellat quddiem il-Qorti ta` l-Appell biex gie estiz it-terminu kienet invalida. Dan huwa wkoll rifless fit-talbiet attrici u fir-rikors ta` l-appell fejn l-appellanti jissostanzja l-appell taghhom <u>*inter alia*</u> fuq l-allegazzjoni li mkien fil-ligijiet taghha ma jinstab dritt in generali li jintitola Qorti, hi liema hi, sabiex tintervjeni bil-mod li intervjeniet din l-Onorabbli Qorti, imbaghad specifikatament ghal dan il-kaz sabiex b`hekk l-appellati jkunu jistghu l-hin komdu taghhom biex jaghzlu meta jsir il-kuntratt finali in kwistjoni.

3) Fit-tieni lok, jissottometti li l-lanjanzi ta` l-appellanti li l-Qorti kienet zbaljata meta limitat ruhha ghad-decizjoni dwar jekk hija ngusta u l-pretensjoni ta` l-appellanti li s-sentenza appellata hija erronea hija guridikament insostenibbli, iktar u iktar meta l-appellat issolleva eccezzjoni ta` indoli purament procedurali. Jelabora li peress li tali eccezzjoni hija perentorja tal-gudizzju u jekk milqugha tista` twaqqaf il-proceduri gudizzjarji l-ewwel Qorti kienet korretta meta ghaddiet biex tezamina tali eccezzjoni qabel ma dahlet fil-mertu.

4) Dwar l-ilment ta` l-appellanti li *"mkien fil-ligi taghna ma jinstab dritt in generali li jintitola Qorti, hi liema hi, sabiex tintervjeni bil-mod li intervjeniet din l-Onorabbli Qorti"* in forza tad-digriet tat-28 ta` Dicembru, 1999, jissottometti li din it-tezi hija insostenibbli. L-appellat jispjega li l-interpretazzjoni ta` l-appellanti tirriduci l-effikacja tas-sentenza tal-Qorti b`mod tali li l-icken cirkostanza li taffetwa l-partijiet f`dawk il-proceduri jew il-proprjeta` mertu ta` l-istess, tirrendi dik is-sentenza totalment inutile u inefficjenti.

Jissottometti li s-setgha tal-Prim Awla li tissindika l-ezercizzju tad-diskrezzjoni ta` Qorti ohra hija ben definita mill-ligi u hija limitata biss ghal digrieti pronuncjati mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili skond l-Artikolu 35 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta. Imkien ma jirrizulta li l-Prim Awla

tista` tissindika l-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-Qorti ta` l-Appell u tali interpretazzjoni tikkostitwixxi kontro-sens procedurali li jistultifika s-sistema organizzattiva tal-Qrati taghna.

5) Finalment fir-rigward tas-sottomissjoni ta` l-appellanti li fil-gurisprudenza hemm diversi kazijiet fejn fil-kaz ta` digrieti li la huma interlokatorji u lanqas definittivi, jirrikonoxxu r-rimedju tac-citazzjoni ntavolata quddiem il-Qorti li tkun tat id-digriet kontestat, u li peress li l-procedura bic-citazzjoni mhux ammissibbli quddiem il-Qorti ta` l-Appell, tali rimedju huwa disponibbli permezz tal-Prim Awla – jikkwota bosta sentenzi li jikkonfermaw ir-regola li tali digriet jista` jigi mpunjat permezz ta` citazzjoni in kontradittorju fil-Qorti li tkun emanat dan id-digriet u hija proprju din il-kundizzjoni l-aktar importanti ghas-success ta` dik l-istess procedura.

Ghalhekk, item l-appellat, isegwi li l-azzjoni ta` l-appellanti hija insostenibbli ghaliex kellha tigi istitwita quddiem il-Qorti ta` l-Appell peress li kienet dik il-Qorti li emanat id-digriet.

Din l-Onorabbli Qorti b`sentenza taghha tat-12 ta` Lulju, 2005, cahdet l-appell tal-esponenti bl-ispejjez.

L-esponenti jissottomettu li hemm lok ghar-ritratazzjoni tal-imsemmija sentenza tat-12 ta` Lulju, 2005 u dan a tenur tal-Artikolu 811 (e), (f), (g) u (l) tal-Kap. 12 u dan ghar-ragunijiet segwenti.

Din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha imsemmija ddecidiet billi kkonfermat id-digriet taghha tat-28 ta` Dicembru, 1999 li l-esponenti kienu qed jittentaw jimpunjaw fejn qalet: ***"…Li sehh hu li dik il-Qorti, gustament, …ghaddiet biex ikkoncediet dak mitlub minn Portelli. Kif sewwa pprecizat il-Qorti fid-Digriet taghha tat-28 ta` Dicembru, 1999 tali digriet ma kienx se jaffettwa d-decizjoni taghha dwar il-mertu, li kienet saret finali, izda biss il-modalita` ta` l-esekuzzjoni tal-gudikat…Fi kliem iehor dik il-Qorti bl-ebda mod ma***

***estendiet it-terminu tal-konvenju –dan kien ilu li skada bosta snin – hija kienet qed tassigura li tigi esegwita s-sentenza minnha moghtija favur l-appellat odjern”.***

Din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza imsemmija qalet ukoll: ***“…hu evidenti li d-digriet ta` din il-Qorti (diversament compost) tat-28 ta` Dicembru, 1999 kien wiehed perfettament validu u regolari ghax emanat in konformita ma` dak li jipprovdi l-Artikolu 272 tal-Kap. 12…”***

Huwa sottomess li din l-Onorabbli Qorti, anke fuq l-iskorta tas-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-16 ta` Gunju, 2004 b`hekk iddecidied dwar dak li ma kienx inkluz fit-talba u/jew iddecidiet oltre dak li kien inkluz fit-talba fil-procedura li kellha quddiemha.

Il-mertu tal-appell li kellha quddiemha din l-Onorabbli Qorti kellu jkun limitat ghal diskussjoni dwar jekk il-Prim Awla tal-Qorti Civili setghetx timpunja digriet tal-Qorti tal-Appell.

Huwa car anke mill-verbal li sar quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti tas-27 ta` April, 2001, li dik il-Qorti kienet ser tghaddi biss ghal sentenza dwar eccezzjoni ta` natura purament legali.

Fis-sentenza taghha l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili qalet:

***“…L-eccezzjoni imressqa mill-konvenut tipprexxindi mill-kawzali kollha sottomessi mill-atturi nkwantu qed jigi sottomess fin-nota tal-eccezzjonijiet li t-talbiet huma guridikament insostenibbli u hija din l-eccezzjoni li qed tigi ezaminata f`din is-sentenza”***

B`dana kollu dik il-Qorti ghaddiet ghal enuncjazzjonijiet dwar il-mertu, liema konsiderazzjonijiet ma kienux quddiemha ghall-finijiet tas-sentenza. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell dawn l-enuncjazzjonijiet gew ripetuti minkejja li kien car li il-konsiderazzjonijiet dwar il-mertu ma kienux jinfluenzaw l-appell.

**Illi l-appellanti kienu in fatti talbu li l-atti jigu rimessi lura ghall-Ewwel istanza sabiex konsiderazzjonijiet dwar il-mertu jigu ttrattati hemm.**

Kien ghalhekk u ghalhekk biss, kif anke jidher li apprezzat din l-Onorabbli Qorti li l-appellanti, rikorrenti odjerni, ttrattaw fl-appell fejn ma qablux ma certa enuncjazzjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li tajjeb jew hazin laqtu konsiderazzjonijiet dwar il-mertu.

Diskussjoni dwar x`kien it-tip ta` digriet li gie emanat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-28 ta` Dicembru, 1999, wiehed jaccetta li kien bzonnjuz sabiex jigi determinat jekk il-procedura li intuzat sabiex dan jigi impunjat kienitx korretta. Izda konsiderazzjonijiet dwar jekk dan id-digriet kienx gust jew validu ma kenux quddiem il-Qorti, u certament ma kienux sottomessi ghall-decizjoni dwarhom quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke jekk talvolta din l-Onorabbli Qorti setghet tiddeciedi dwar il-validita` o meno tad-digriet in kwistjoni kif intqal, hija ghamlet zball fl-applikazzjoni tal-ligi u konsegwentement zball fl-applikazzjoni tal-fatti tal-kaz meta rriteniet: ***“…Fi kliem iehor, dik il-Qorti bl-ebda mod ma estendiet it-terminu tal-konvenju – dan kien ilu li skada bosta snin – hija kienet qed tassigura li tigi esegwita s-sentenza minnha moghtija favur l-appellat odjern”***.

Li kieku din l-Onorabbli Qorti applikat l-Artikolu 1357(2) tal-Kodici Civili (Kap. 16) kif huwa sottomess li kellha taghmel, kienet tikkonkludi li mhux minnu li l-konvenju in kwistjoni skada. Konvenju jiskadi a tenur ta` dan l-Artikolu biss jekk ma jigux promossi il-proceduri hemm imsemmija minn min ghandu interess li il-weghda ta` bejgh tigi imwettqa.

Huwa car illi fil-kaz in esami l-intimat segwa id-dettami tal-Artikolu 1357 imsemmi u b`hekk il-konvenju inzamm haj u ma skadiex.

Jsegwi ghalhekk li din l-Onorabbli Qorti b`hekk ukoll kkommettiet zball ta` fatt meta kkunsidrat li l-konvenju kien skada u ghalhekk ir-relazzjoni bejn il-kontendenti ma baqghux regolati mill-istipulazzjonijiet tieghu.

Meta din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha tas-6 ta` Ottubru, 1999 iffissat id-data tat-30 ta` Novembru, 1999 bhala d-data li fiha kellu jigi ppubblikat il-kuntratt ta` vendita in kwistjoni, kienet in effetti qeghda tordna li jigu segwiti l-istipulazzjonijiet tal-konvenju.

Parti integrali minn konvenju hija il-parti fejn l-esekuzzjoni tal-obbligi hemm kontenuti huma ristretti bi zmien. Dan huwa car, ghaliex minkejja li min jitwieghed sakemm jzomm haj il-konvenju ghandu dritt jesigi il-bejgh, daqstant iehor jista` jew fil-fatt ma jesigix id-dritt tieghu, jew jsib ruhu f`posizzjoni fejn minkejja li jkun ppreserva d-drittijiet tieghu naxxenti mill-konvenju, jsib li fiz-zmien meta huwa tenut li jaghmel dan, ma jkun f`posizzjoni li jwettaq l-obbligi korrispondenti ossia marbuta mad-dritt tieghu.

Min jkun wieghed ma jistax potenzjalment *"in aeternum"* jistenna li, f`dal-kaz ix-xerrej, jesigi id-dritt tieghu.

Dan il-fatt ma giex applikat fil-konsiderazzjonijiet ta` din l-Onorabbli Qorti.

Ghaldaqstant l-esponenti fil-waqt li jaghmlu referenza ghall-atti processwali u jirriservaw li jipproducu dawk il-provi lilhom permessi skond il-ligi umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti:

1. thassar u tirrevoka is-sentenza ta` din l-Onorabbli Qorti tat-12 ta` Lulju, 2005 fl-ismijiet Ronald Agius u Eugenia sive Jean Agius vs Paul Portelli;

2. tiddeciedi li hemm lok ghar-ritrattazzjoni tal-kawza imsemmija ghar-ragunijiet moghtija fl-Artikolu 811 (e), (f), (g), u (l) tal-Kap. 12 ghar-ragunijiet premessi;

3. Tordna li ssir ir-ritrattazzjoni tal-imsemmija kawza kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat ir-risposta ippresentata min Paul Portelli li in forza taghha eccepixxa illi:

1. L-aggravji fuq liema r-rikorrenti Agius jibbazaw it-talbiet taghhom ghat-thassir tas-sentenza ta` din l-Onorabbli Qorti tat-12 ta` Lulju, 2005 wara l-Appell fl-ismijiet *"Ronald Agius vs Paul Portelli"* Citaz. Nru. 201/00AJM (iktar 'l quddiem f`din ir-risposta imsejha s-sentenza impunjata) u l-konsegwenti ritrattazzjoni ta` l-istess imsemmi Appell, essenzjalment huma: (a) li s-sentenza impunjata giet moghtija fuq haga mhix imdahhla fit-talba a tenur ta` l-**Artikolu 811(f)** tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta; (b) li bis-sentenza impunjata gie moghti izjed minn dak li intalab a tenur ta` l-**Artikolu 811(g)** tal-Kap. 12; (c) li fis-sentenza impunjata giet applikata l-ligi hazi a tenur ta` l-**Artikolu 811(e)** tal-Kap. 12; u (d) li s-sentenza impunjata hija l-effett ta` zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza a tenur ta` l-**Artikolu 811(l)** tal-Kap. 12.

1.1 In konformita` mal-mod kif dawn l-aggravji gew esposti mir-rikorrenti Agius fir-rikors taghhom, l-esponenti ser jittratta l-ewwel l-aggravji bbazati fuq l-**Artikolu 811 subincizi (f) u (g)** u in segwitu l-aggravji bbazati fuq l-**Artikolu 811 subincizi (e) u (l).**

**L-Aggravji a tenur ta` l-Artikolu 811 (f) u (g) tal-Kap. 12:**

*2.* Il-mertu ta` dawn l-aggravji sollevati mir-rikorrenti Agius in sostenn tat-talbiet taghhom jirrivolvi madwar l-osservazzjoni maghmula minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza impunjata li *apparti dawn il-konsiderazzjonijiet, hu evidenti li d-digriet ta` din il-Qorti (diversament komposta) tat-28 ta` Dicembru, 1999 kien wiehed <u>perfettament validu u regolari</u> ghax emanat in konformita` ma` dak li jipprovdi l-Artikolu 272 tal-Kap. 12 u dan sabiex l-esekuzzjoni ta` sentenza tkun tista` tinghata verament effett fl-interess tal-jeddijiet ta` parti jew ohra.*

*2.1* Ir-rikorrenti Agius jallegaw li in bazi ghal din l-osservazzjoni, bis-sentenza impunjata din l-Onorabbli Qorti *iddecidiet dwar dak li ma kienx inkluz fit-talba u/jew iddecidiet oltre dak li kien inkluz fit-talba fil-procedura li kellha quddiemha.*

In poche parole r-rikorrenti Agius jallegaw li s-sentenza impunjata hija *extra petita* u / jew *ultra petita* u in bazi ta` hekk jippretendu li hemm lok ghat-thassir ta` dik l-istess sentenza u ghar-ritrattazzjoni ta` l-Appell imsemmi a tenur ta` l-**Artikolu 811(f)** u/jew ta` l-**Artikolu 811(g)** tal-Kap. 12.

2.2 L-esponenti jissottometti pero` li dawn l-aggravji sollevati mir-rikorrenti Agius in sostenn tat-talbiet taghhom ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti stante li l-motivazzjoni fuq liema huma bbazati ma tinkwadrax entro l-parametri guridici tal-precitati **subincizi (f)** u **(g)** ta` l-**Artikolu 811** tal-Kap. 12.

3. Il-precitati provvedimenti tal-Ligi jipprovdu li *kawza deciza b`sentenza moghtija fi grad ta` appell tista` fuq talba ta` wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza: jekk is-sentenza tkun giet moghtija fuq haga mhix indahhla fit-talba* – **extra petita***; u jekk bis-sentenza jkun gie moghti izjed minn dak li ntalab* – **ultra petita.**

3.1 Mill-import tal-precitati provvedimenti tal-Ligi johrog car li l-portata tat-talba tar-rikorrenti Agius kif minnhom dedotta fir-rikors ta` l-Appell taghhom ipprezentat quddiem din l-Onorabbli Qorti fis-6 ta` Lulju, 2004 wara s-sentenza fl-ismijiet “Ronald Agius et vs Paul Portelli” Citaz. Nru. 201/00AJM deciza in Prim`Istanza fis-16 ta` Gunju, 2004 (iktar `l quddiem f`din ir-risposta msejha s-sentenza appellata), hija ta` importanza fondamentali sabiex jigi determinat jekk effettivament is-sentenza impunjata hijiex *extra petita* u/jew *ultra petita* ai termini ta` l-**Artikolu 811(f)** u/jew **(g)** tal-Kap. 12, kif allegat mill-istess rikorrenti Agius.

*4.* Kif ampjament jirrizulta mill-gurisprudenza nostrali l-principji guridici in materia jipprovdu li: (i) *Il-Qorti ghandha toqghod ghat-termini tad-domanda jew domandi; u s-sentenza ghandha tkun konformi ghad-domanda. Jekk imbaghad il-Qorti tiddeciedi fuq kawzali diversa, id-decizjoni taghha tkun extra petita;* (ii) *hemm l-extra petita jew l-ultra petita meta tigi sostitwita ghall-azzjoni jew ghad-domanda avvanzata mill-attur, azzjoni jew domanda ohra li minnu ma gietx proposta, jew meta d-decizjoni tmur iktar 'l hemm mid-domanda jew azzjoni avvanzata.*

4.1 Fid-dawl tal-precitati principji guridici ghalhekk, jigi sottomess li l-ewwel zewg aggravji sollevati mir-rikorrenti Agius in sostenn tat-talbiet odjerni taghhom ghandhom jigu milqugha biss kemm-il darba inekwivokabilment jirrizulta li din l-Onorabbli Qorti: (a) ippronuncjat is-sentenza impunjata in bazi ghal kawzali diversa minn dik dedotta mir-rikorrenti Agius fir-rikors ta` l-Appell taghhom; jew (b) li bis-sentenza impunjata din l-Onorabbli Qorti marret oltre dak mitlub mir-rikorrenti Agius bir-rikors ta` l-Appell taghhom.

5. Sabiex il-kwistjoni odjerna tigi determinata b`mod gust din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex tillimita l-konsiderazzjonijiet taghha ghas-sentenza impunjata biss izda ghandha tikkonsidra wkoll kemm l-import u l-estensjoni guridika tas-sentenza appellata kif ukoll il-portata w utilita` finali tat-talba tar-rikorrenti Agius minnhom dedotta fir-rikors ta` l-Appell taghhom.

5.1 L-esponenti jirrileva li fid-dawl ta` l-eccezzjoni minnu sollevata ghat-talbiet attrici quddiem l-Onorabbli Qorti ta` Prim` Istanza, il-mertu tas-sentenza appellata kien specifikatament jittratta dwar: (a) il-procedura in kontradittorju permezz ta` liema jigu impunjati dawk id-digrieti li la huma interlokatorji u lanqas huma definittivi; u konsegwentement (b) dwar l-ordni gerarkiku tal-Qrati nostrali f`dan il-kuntest.

5.2 Bis-sentenza appellata l-Onorabbli Qorti ta` Prim` Istanza ddisponiet mit-talbiet attrici billi cahdithom bl-ispejjez kontra l-istess atturi u dana in bazi ghall-

motivazzjonijiet illi: (a) kull talba ghar-revoka ta` digriet li la huwa interlokutorju u lanqas definittiv ghandha tigi intavolata quddiem dik il-Qorti li tkun tat il-provvediment impunjat; u (b) li in bazi ghall-ordni gerarkiku tal-Qrati nostrali d-dritt diskrezzjonali ezercitat minn din l-Onorabbli Qorti fil-precitat Digriet tat-28 ta` Dicembru, 1999, ma huwiex sindakabbli mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili.

*5.3* In segwitu ghal dik is-sentenza r-rikorrenti Agius ipprezentaw rikors ta` l-Appell quddiem din l-Onorabbli Qorti u in bazi ghall-aggravji minnhom hemm sollevati talbu li *din l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tirrimetti lura l-atti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti ghall-kontinwazzjoni tas-smigh fuq il-mertu.*

5.4 Mill-mod kif giet impostata t-talba tar-rikorrenti Agius fir-rikors ta` l-Appell taghhom u mill-aggravji sollevati in sostenn ta` l-istess, tirrizulta ferm cara l-kawzali fuq liema l-istess rikorrenti bbazaw l-Appell minnhom interpost mis-sentenza appellata.

In effetti ma hemm ebda dubju li b`dak l-Appell ir-rikorrenti Agius riedu jottjenu decizjoni minghand din l-Onorabbli Qorti li tiddikjara li kontra dak deciz mill-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza appellata, l-azzjoni minnhom proposta quddiem dik l-Onorabbli Qorti ghall-impunjazzjoni tad-Digriet tat-28 ta` Dicembru, 1999, kienet proceduralment korretta u li dik l-istess Onorabbli Qorti effettivament ghandha s-setgha li tissindika d-deskrizzjoni ezercitata mill-Qorti ta` l-Appell.

6. Stabbiliti dawn il-punti jehtieg issa jigi kkunsidrat jekk fis-sentenza impunjata din l-Onorabbli Qorti qaghditx ghat-termini tal-kawzali tar-rikors ta` l-Appell ipprezentat mir-rikorrenti Agius u jekk fil-fatt tatx id-decizjoni finali taghha ai termini tat-talba minnhom hemm dedotta jew inkella, kif allegat mir-rikorrenti Agius, tatx id-decizjoni taghha fuq kawzali diversa jew marritx oltre dak minnhom mitlub fl-imsemmi rikors ta` l-Appell.

6.1 L-esponenti jissottometti li mis-sentenza impunjata jirrizulta immedjatament evidenti li din l-Onorabbli Qorti:

(a) qaghdet ghat-termini tal-kawzali fuq liema r-rikorrenti Agius ibbazaw l-Appell taghhom mis-sentenza appellata (in effetti bla ebda ombra ta` dubju din l-Onorabbli Qorti hadet konjizzjoni ta` kull wiehed mill-aggravji minnhom sollevati in sostenn ta` l-istess Appell); u (b) tat id-decizjoni finali taghha dwar dak l-Appell ai termini tat-talba dedotta mir-rikorrenti Agius, stante li bid-decizjoni taghha indirrizat u iddisponiet kemm mill-kwistjoni dwar jekk l-azzjoni proposta mir-rikorrenti Agius quddiem il-Prim`Awla tal-Qorti Civili ghall-impunjazzjoni tad-Digriet tat-28 ta` Dicembru, 1999 kenitx proceduralment korretta o meno kif ukoll mill-kwistjoni jekk il-Prim`Awla tal-Qorti Civili ghandhiex is-setgha li tissindika d-deskrizzjoni ezercitata mill-Qorti ta` l-Appell.

6.2 Dak li ntqal minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza impunjata dwar il-validita` o meno tad-digriet tat-28 ta` Dicembru, 1999, bl-ebda mod ma ddetermina d-decizjoni finali taghha dwar l-Appell interpost mir-rikorrenti Agius mis-sentenza appellata, u dana billi mill-istess imsemmija sentenza kjarament jirrizulta li din l-Onorabbli Qorti ghaddiet dik l-osservazzjoni *obiter*.

6.3 Ghaldaqstant, kontra dak pretiz mir-rikorrenti Agius ma jistax jitqies li s-sentenza impunjata hija *extra petita* a tenur ta` l-**Artikolu 811(f)** tal-Kap. 12 u/jew *ultra petita* a tenur ta` l-**Artikolu 811(g)** tal-precitat Kapitolu tal-Ligi.

*7.* Bla pregudizzju ghal dak kollu appena espost, l-esponenti in oltre jissottometti li ma hijiex korretta l-asserzjoni maghmula mir-rikorrenti Agius in sostenn tat-talbiet odjerni taghhom li l-Onorabbli Qorti ta` Prim`Istanza fis-sentenza appellata *ghaddiet ghal enuncjazzjonijiet dwar il-mertu, liema konsiderazzjoni ma kienux quddiemha ghall-finijiet tas-sentenza* u li *fis-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell dawn l-enuncjazzjonijiet gew ripetuti minkejja li kien car li l-konsiderazzjonijiet dwar il-mertu ma kienux jinfluwenzaw l-appell.*

7.1 Minn ezami akkurat kemm tas-sentenza appellata kif ukoll tas-sentenza impunjata johrog car li l-analizi li ghamlu l-Ewwel Onorabbli Qorti u din l-Onorabbli Qorti

tad-digriet tat-28 ta` Dicembru, 1999, kienet limitata ghad-determinazzjoni tan-natura guridika ta` dak id-digriet reza necessarja mill-fatt li, kif gia` iktar `l fuq rilevat, il-mertu tas-sentenza appellata kien jittratta dwar il-procedura in kontradittorju permezz ta` liema jigu impunjata digrieti li la huma interlokatorji u lanqas huma definittivi.

**L-Aggravji a tenur ta` l-Artikolu 811(e) u (l) tal-Kap. 12:**

8. Ir-rikorrenti Agius jibbazaw it-talbiet odjerni taghhom fuq zewg aggravji alternattivi u cioe` li *anke jekk talvolta din l-Onorabbli Qorti setghet tiddeciedi dwar il-validita` o meno tad-digriet in kwistjoni* [id-Digriet tat-28 ta` Dicembru, 1999] … *hija ghamlet zball fl-applikazzjoni tal-ligi* a tenur ta` l-**Artikolu 811(e)** tal-Kap. 12 *u konsegwentement zball fl-applikazzjoni tal-fatti tal-kaz a tenur* ta` l-**Artikolu 811(l)** tal-precitat Kapitolu tal-Ligi.

*8.1* Ma hemm ebda dubju li l-kontestazzjoni tar-rikorrenti Agius ibbazata fuq dawn iz-zewg aggravji hija ghal darb`ohra diretta lejn l-osservazzjoni maghmula minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza impunjata li *apparti dawn il-konsiderazzjonijiet, hu evidenti li d-digriet ta` din il-Qorti (diversament komposta) tat-28 ta` Dicembru, 1999 kien wiehed perfettament validu u regolari ghax emanat in konformita` ma` dak li jipprovdi l-Artikolu 272 tal-Kap. 12 u dan sabiex l-esekuzzjoni ta` sentenza tkun tista` tinghata verament effett fl-interess tal-jeddijiet ta` parti jew ohra.*

*8.2* Mir-rikors odjern johrog car li r-rikorrenti Agius jibbazaw il-pretensjoni taghhom li fil-kaz odjern isibu applikazzjoni l-**Artikolu 811 subincizi (e) u (l)** tal-Kap. 12, fuq l-asserzjoni li tali osservazzjoni hija msejsa fuq il-konsiderazzjoni … *Fi kliem iehor, dik il-Qorti bl-ebda mod ma estendiet it-terminu tal-konvenju – dan kien ilu li skada bosta snin – hija kienet qed tassigura li tigi esegwita s-sentenza minnha moghtija favur l-appellat odjern.*

In effetti huma jikkontendu li *kieku din l-Onorabbli Qorti applikat l-Artikolu 1357(2) tal-Kodici Civili (Kap. 16) kif huwa sottomess li kellha taghmel kienet tikkonkludi li mhux minnu li l-konvenju in kwistjoni skada.*

8.3 L-esponenti jisottometti pero` illi l-pretensjonijiet fuq liema r-rikorrenti Agius jibbazaw dawn l-aggravji alternattivi taghhom huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant, dawn l-istess aggravji wkoll ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti.

9. Mis-sentenza impunjata stess inekwivokabilment jirrizulta li kontra dak allegat mir-rikorrenti Agius, l-osservazzjoni hemm maghmula minn din l-Onorabbli Qorti dwar l-validita` o meno tad-digriet tat-28 ta` Dicembru, 1999, ma hijiex ibbazata fuq l-osservazzjoni maghmula minn din l-istess Onorabbli Qorti li l-konvenju ffirmat bejn Ronald Agius u Paul Portelli fil-25 ta` April, 1990 *kien ilu li skada bosta snin,* izda hija bbazata fuq dak provdut fl-**Artikolu 272** tal-Kap. 12 li jittratta dwar is-setgha tal-Qorti fl-esekuzzjoni tat-titoli ezekuttivi.

In verita` l-konsiderazzjoni maghmula minn din l-Onorabbli Qorti li *Fi kliem iehor, dik il-Qorti bl-ebda mod ma estendiet it-terminu tal-konvenju – dan kien ilu li skada bosta snin – hija kienet qed tassigura li tigi esegwita s-sentenza minnha moghtija favur l-appellat odjern* saret f`kuntest ghal kollox differenti minn dak rigwardanti l-validita` o meno tad-digriet tat-28 ta` Dicembru, 1999.

*9.1* Mill-paragrafi 7.8 u 7.9 tas-sentenza impunjata johrog ferm car li din il-konsiderazzjoni saret fil-kuntest tad-determinazzjoni tan-natura guridika tad-digriet tat-28 ta` Dicembru, 1999 – ossia jekk dak id-digriet kienx interlokutorju, definittiv jew la wiehed u lanqas l-iehor – ghall-finijiet tal-kwezit centrali li dwaru kien jittratta l-Appell li din l-Onorabbli Qorti kellha quddiemha u cioe`, *setghu l-atturi* [ir-rikorrenti Agius] *jipproponu citazzjoni fil-Prim`Awla tal-Qorti Civili biex jimpunjaw id-digriet surreferit moghti mill-Qorti ta` l-Appell?*

9.2 Stabbilit illi l-osservazzjoni maghmula minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza impunjata dwar il-validita` o meno tad-digriet tat-28 ta` Dicembru, 1999, ma kenitx ibbazata fuq il-konsiderazzjoni ta` din l-istess Onorabbli Qorti li l-konvenju tal-25 ta` April, 1990 iffirmat bejn

Ronald Agius u Paul Portelli *kien ilu li skada bosta snin,* necessarjament isegwi li l-argumentazzjonijiet avvanzati mir-rikorrenti Agius in sostenn ta` dawn iz-zewg aggravji bbazati fuq l-**Artikolu 811 subincizi (e) u (l)** tal-Kap. 12, huma ghalkollox *fuori contesto* u irrilevanti.

10. Bla pregudizzju ghal dak kollu appena espost, in partikolari bla pregudizzju ghas-sottomissjoni ta` l-esponenti li l-osservazzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti dwar id-digriet tat-28 ta` Dicembru, 1999 hi biss osservazzjoni *obiter*, jigi sottomess li ladarba dak id-digriet kien jitratta talba li saret ghall-proroga tal-jum iffissat ghall-fini ta` esekuzzjoni tas-sentenza pronuncjata minn din l-Onorabbli Qorti fis-6 ta` Ottubru, 1999 wara l-Appell fl-ismijiet *"Paul Portelli vs Ronald Agius et"* Citaz. Nru. 296/91JF, din l-Onorabbli Qorti kienet korretta li bbazat tali osservazzjoni fuq l-**Artikolu 272** tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.

Kontra dak allegat u konsegwentement pretiz mir-rikorrenti Agius, l-**Artikolu 1357** tal-Kodici Civili ma jsib ebda applikazzjoni fil-kuntest tal-mertu trattat f`dak id-digriet.

11. Dejjem bla pregudizzju ghal dak kollu iktar `l fuq espost, l-esponenti in oltre jissottometti li mill-precitat paragrafu 7.8 tas-sentenza impunjata kjarament jirrizulta li bil-konsiderazzjoni hemm maghmula minn din l-Onorabbli Qorti, din l-istess Qorti kienet semplicement qed ittenni dak minnha gia` stabbilit fid-digriet tat-28 ta` Dicembru, 1999, liema pronuncjatmenti maghmula f`dak id-digriet ma humiex suscettibbli ghal ritrattazzjoni permezz tal-proceduri odjerni.

Ghaldaqstant fid-dawl ta` dak kollu iktar 'l fuq espost, l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti Agius, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti Agius.

Rat l-atti tal-process tal-kawza fl-ismijiet premessi deciza minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fit-12 ta` Lulju, 2005;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tikkoncerna konvenju li kien gie iffirmat bejn il-partijiet fil-25 ta` April, 1990, li in forza tieghu Ronald u Eugenia sive Jean Agius obbligaw ruhhom li jittrasferixxu lil Paul Portelli l-flat numru 3, formanti parti mill-blokk ta` appartamenti bin-numru 7, fi Triq San Gwann Bosco, Sliema. Peress li l-vendituri ma kinux resqu ghall-pubblikazzjoni tal-att relattiv ta` trasferiment, ix-xerrej Paul Portelli ressaq citazzjoni (numru 296/91) li in forza taghha talab li l-vendituri Agius jigu kkundannati jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-att ta` bejgh. Dik il-kawza giet deciza definitivament min din il-Qorti fis-6 ta` Ottubru, 1999, u f`dik is-sentenza din il-Qorti kienet laqghet it-talba tax-xerrej, ordnat il-pubblikazzjoni tal-att ta` bejgh favur tieghu, u ordnat li l-att jigi ppubblikat fit-30 ta` Novembru, 1999.

Illi fil-jum tat-30 ta` Novembru, 1999, il-kuntratt relattiv, minhabba diversi ostakoli, ma giex ippubblikat, u x-xerrej Paul Portelli ressaq rikors quddiem din il-Qorti fejn talab li jigi ffissat jum iehor ghall-pubblikazzjoni tal-att. Minkejja li l-vendituri kienu opponew it-talba, din il-Qorti, b`digriet tat-28 ta` Dicembru, 1999, kienet laqghet it-talba tax-xerrej u appuntat il-gurnata tat-30 ta` Marzu, 2000, ghall-pubblikazzjoni tal-att finali.

Il-vendituri Agius riedu jimpunjaw dak id-digriet u ressqu citazzjoni quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili (numru 201/00) fejn talbu dikjarazzjoni li d-digriet moghti minn din il-Qorti fit-28 ta` Dicembru, 1999, kien null u bla effett fil-ligi, u li kwindi huma ma kienux marbutin li jbieghu l-appartament in kwistjoni.

B`sentenza tas-16 ta` Gunju, 2004, l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili, cahdet it-talbiet tal-vendituri Agius, wara li osservat li t-talba ghar-revoka tad-digriet kellha tigi intavolata quddiem din il-Qorti li kienet tat dak il-provvediment. Il-vendituri Agius appellaw minn dik is-sentenza, u din il-Qorti diversament presjeduta, b`sentenza moghtija fit-12 ta` Lulju, 2005, cahdet l-appell wara li qieset li d-digriet taghha tat-28 ta` Dicembru, 1999, kien wiehed perfettament validu u regolari. Il-vendituri Agius issa qeghdin, b`dawn il-proceduri, jitolbu r-ritrattazzjoni tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-12 ta` Lulju, 2005. Ir-ritrattazzjoni qed tintalab a bazi tal-artikolu 811(a)(f)(g) u (l) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta.

L-ewwel osservazzjoni li ghandha ssir hija li r-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju ammess biss fil-kazi stabbiliti fil-ligi u dawn il-kazi huma tassattivi. Fil-kawza fl-ismijiet **Mildred Ferando vs Loris Bianchi proprio et noe** deciza mill-Qorti ta` l-Appell [Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera] fit-12 ta` Mejju, 2003 gie osservat li, ***"dan l-istitut huwa meqjus bhala rimedju straordinarju (Vol. XXV.i.137) governat minn regoli ta` interpretazzjoni strettisima (Vol. XXVII.i.818), "non suscettibili di una interpretazzione estensiva ma della sola letterale" (Antonio Micallef vs Maria Dolores Vella et, Prim`Awla tal-Qorti Civili, 25 ta` Gunju, 1910)".***

Fil-kawza fl-ismijiet **Rev. Sacerdot Don Giuseppe Aquilina vs Francesco Aquilina** deciza mill-Qorti ta` l-Appell fit-18 ta` April, 1958 [Vol. XLII.i.227], gie osservat li f`dawn il-kawzi (cioe` ta` ritrattazzjoni) wiehed ghandu dejjem ***"izomm quddiem ghajnejh it-twissija li ghamlet (il-Qorti tal-Appell) (Vol. XXI.i.789) dwar l-indoli straordinarja ta` dan ir-rimedju ta` ritrattazzjoni; lumeggat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta` dan l-istitut ampjament rikapitolata, anki b`riferenza ghar-rapport tal-Kummissjonarji, fis-sentenza fil-Vol. VI, p. 365, u li jgib bhala konsegwenza logika li r-regoli li jiggovernaw dan l-istitut huma ta` interpretazzjoni strettisima (Vol. XXVII.i.818)".*** Il-Qorti kompliet tghid, f`dik is-sentenza, li ***"ma jistax jigi permess li, taht il-***

***pretest tar-ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent jerga` jiftah il-kawza u b`hekk, kif qalet is-sentenza fil-Vol. VI fuq citata, jigi indirettament krejat tribunal tat-tielet istanza".***

Minbarra dan, sakemm din il-Qorti tkun ghadha qeghda tqis jekk jezistux ragunijiet tajbin bizzejjed biex thassar is-sentenza li taghha qed jintalab is-smigh mill-gdid, hija ma tista` bl-ebda mod tindahal f`apprezzament favorevoli jew kuntrarju tal-kunsiderazzjonijiet maghmulin mill-Qorti li tkun tat dik is-sentenza. Xoghol din il-Qorti *in rescindente* m`huwiex dak li tgharbel mill-gdid jekk hija taqbilx jew le mal-mod kif il-Qorti kienet waslet ghall-fehmiet taghha fis-sentenza impunjata: xoghol din il-Qorti hi li tqis jekk tirrizultax imqar wahda mic-cirkostanzi procedurali mahsubin fil-ligi li bihom dik is-sentenza tista` titwaqqa` (ara App. Inf. 26.1.2005, fil-kawza fl-ismijiet ***William Cassar Torregiani vs Direttur tas-Sigurta` Socjali***).

Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti Agius, qed jallegaw li fis-sentenza taghha, din il-Qorti iddecidiet *extra petita* u / jew *ultra petita*, fis-sens li iddecidiet dwar dak li ma kienx inkluz fit-talba u / jew iddecidiet oltre dak li kien inkluz fit-talba li kellha quddiemha. Ghall-konsiderazzjoni dwar jekk il-Qorti iddecidietx barra minn dak mitlub, wiehed irid ihares lejn id-decide tal-Qorti, u cioe`, il-parti dispositiva tas-sentenza li fiha jkun hemm l-akkoljiment jew cahda tat-talba tal-attur. Wiehed ma jridx jikkunsidra l-motivazzjoni peress li, fid-diskussjoni tal-kaz, il-Qorti tista`, anke *obiter*, tittratta kwistjonijiet li ma jkunux necessarjament mitluba mill-attur. Ghal-fini tal-artikolu 811(f) u (g), dak li jrid jigi kkunsidrat huwa jekk il-Qorti, fil-parti operativa tas-sentenza taghha, marretx oltre dak li kien gie mitlub. Kif intqal min din il-Qorti fil-kawza “Galea noe vs Bonnici et”, hemm *extra petita* jew *ultra petita* *“meta tigi sostitwita ghall-azzjoni jew ghad-domanda avvanzata mill-attur, azzjoni jew domanda ohra li minnu ma gietx proposta, jew meta d-decizjoni tmur aktar ‘l hemm mid-domanda jew azzjoni avvanzata”*.

Issa f`dawn il-proceduri, r-rikorrenti Agius talbu it-thassir tad-digriet ta` din il-Qorti tat-28 ta` Dicembru, 1999, u

dikjarazzjoni li huma kwindi mhux marbutin ibieghu l-appartament in kwistjoni. Din il-Qorti, fis-sentenza taghha tat-12 ta` Lulju, 2005, osservat li d-digriet hu validu u regolari u cahdet it-talba ghat-thassir tieghu; wara li qieset ukoll li l-effett tad-digriet kien biss *“sabiex l-esekuzzjoni ta` sentenza tkun tista` tinghata verament effett”*, cahdet it-talbiet l-ohra taghhom. Din il-Qorti, ghalhekk, ma marretx oltre dak li l-istess rikorrenti Agius talbu fic-citazzjoni taghhom.

Quddiem din il-Qorti, r-rikorrenti Agius kienu ilmentaw ukoll kontra d-decizjoni tal-ewwel Qorti li qieset li talba ghar-revoka ta` digriet kellha issir quddiem il-Qorti li tkun emanat dak id-digriet. Din il-Qorti kkunsidrat ukoll dak l-ilment, cahditu, u qablet mal-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili li l-azjoni proposta kienet guridikament insostenibbli. Kwindi, dak li ddecidiet din il-Qorti bis-sentenza tat-12 ta` Lulju, 2005, kien konformalment ma` dak li giet mitluba tiddeciedi fuqu.

Ir-rikorrenti Agius jallegaw li din il-Qorti kienet applikat il-ligi hazin. Biex tirnexxi kawza ta` ritrattazzjoni fuq din il-bazi jehtieg jintwera li, a bazi tal-fatti kif irrizultaw, id-decizjoni *“ma tkunx skond il-ligi”*, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta` ligi, li fuqha l-Qorti tkun tat id-decizjoni taghha.

Jirrizulta li din il-Qorti, meta qieset li d-digriet precedenti taghha kien validu, ma applikatx provvedimenti hziena tal-ligi. Id-decizjoni fil-meritu kienet inghatat minn din il-Qorti fis-6 ta` Ottubru, 1999, u kull ma sehh wara kien bidla fid-data li fiha kellu jigi ppubblikat il-kuntratt ordnat minn din il-Qorti. Din il-Qorti korrettament invokat l-artikolu 272 tal-Kap. 12, li jaghti poter lill-Qorti taghti dawk il-provvedimenti li jkunu mehtiega sabiex tqieghed fiz-zgur il-jeddijiet tal-partijiet. Din il-Qorti, bis-sentenza taghha, interpretat dak l-artikolu u qieset li dak il-provvediment jaghtiha l-poter taghti d-digriet in kwistjoni. Kwindi, da parti ta` din il-Qorti, ma kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, izda interpretazzjoni ta` artikolu specifikat, liema agir ma jaghtix lok ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza. Din il-

Qorti izzid li, anke kif issa komposta, hija taqbel mal-interpretazzjoni moghtija lil dak l-artikolu.

Fl-ahharnett, ir-rikorrenti Agius jilmentaw li sar zball ta` fatt minn din il-Qorti a bazi tal-artikolu 811(l). Kif gie deciz fil-kawza <u>"Bonnici vs Galea Naudi"</u>, min din il-Qorti fit-3 ta` April, 1922,

*"Secondo questa disposizione l`errore che puo` costituire motivo di ritrattazione deve essere un errore materiale di fatto e non un errore di criterio e di interpretazione, ed e` necessario ancora che tale errore abbia determinato la decisione del Giudice; vale a dire che il medesimo costituisca il fondamento principale della sentenza: per la quale cosa non si farebbe luogo alla revoca della sentenza, se essa pur essendo viziata da manifesto errore di fatto, si sorregga sopra altre ragioni indipendenti da quella erronea. Cosi il Mattirolo, loco citato, numero 897".*

Hekk ukoll intqal min din il-Qorti fil-kawza <u>"Vella Zarb vs Bartolo"</u>, fis-sentenza taghha tat-3 ta` Frar, 1930, u cioe`, li:

*"Che come venne ritenuto da questo Corte il 17 novembre 1920, in re "Gauci versus Fenech" (Collez. Vol. XXIV.I.p.609), l`errore di fatto perche` possa aprire l`adito alla ritrattazione deve risultare dagli atti e dai documenti della causa e deve essere un errore materiale, intuitivo, risultante dal semplice confronto delle dichiarazioni della sentenza cogli atti e coi documenti, e non relativo ai criteri o caratteri coi quali il fatto e` stato appreso dal giudicante, perche` l`apprezzamento e l`interpretazione del fatto deve inoltre trovarsi in rapporto di casualita` colla decizione, ed e` necessario che il fatto non abbia formato un punto controverso e deciso colla sentenza inpugnata"*.

Dan ifisser li min jibbaza t-talba tieghu ghal ritrattazjoni fuq zball ta` fatt, jehtieglu juri mhux biss l-izball fis-sens tal-ligi, izda wkoll li dak l-allegat zball kien il-bazi li fuqha strahet is-sentenza tal-Qorti. Fi kliem iehor, mhux bizzejjed li jigi ndikat zball, izda jrid jintwera li l-

konkluzzjoni raggunta mill-Qorti kienet rizultat ta` jew motivata b`dak l-izball.

F`dan il-kaz, gie lamentat li meta fis-sentenza tat-12 ta` Lulju, 2005, intqal li l-konvenju ilu li skada bosta snin, dan kien zball, ghax, fil-fatt, il-konvenju inzamm fis-sehh bil-proceduri li ttiehdu ghal inforza tieghu. Din il-Qorti tirrileva, pero`, li mis-sentenza impunjata stess, inekwivokabilment jirrizulta li kontra dak allegat mir-rikorrenti Agius, l-osservazzjoni hemm maghmula minn din il-Qorti dwar il-validita` o meno tad-digriet tat-28 ta` Dicembru, 1999, ma hijiex bbazata fuq l-osservazzjoni maghmula minn din l-istess Qorti li l-konvenju ffirmat bejn Ronald Agius u Paul Portelli fil-25 ta` April, 1990 *kien ilu li skada bosta snin*, izda hija bbazata fuq dak provdut fl-**Artikolu 272** tal-Kap. 12 li jittratta dwar is-setgha tal-Qorti fl-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttivi.

Dak li din il-Qorti kellha quddiema kien il-validita` o meno tad-digriet precedenti taghha tat-28 ta` Dicembru, 1999, u l-konkluzzjoni ta` din il-Qorti kienet wahda cara fis-sens li dak id-digriet hu validu ghax maghmul in forza tal-poteri moghtija lill-Qorti bl-artikolu 272 tal-Kap. 12. Kwindi, din il-Qorti, kif issa presjeduta, ma tirravisa ebda zball materjali li wassal lill-Qorti tiddeciedi kif iddecidiet, liema sentenza, kif intwera, kienet motivata b`interpretazzjoni legittima tal-artikolu rilevanti tal-ligi.

Illi, f`dan il-kuntest, din il-Qorti tqis ukoll li d-digriet moghti fit-28 ta` Dicembru, 1999 (u impunjat mir-rikorrenti Agius f`din il-kawza) kien wiehed li jaqa` fl-ambitu tal-artikolu 106 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta. Dan ghaliex, ghall-kuntrarju ta` dak li jridu r-rikorrenti, z-zmien iffissat ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt fis-sentenza tal-Prim`Awla tas-6 ta` Ottubru, 1999, ma kienx terminu perentorju, u ghalhekk seta` jiggedded fuq talba ta` mqar wahda mill-partijiet u ghal raguni tajba. Sakemm Qorti ma tghidx f`sentenza li t-terminu jew zmien moghti minnha huwa wiehed perentorju, tali terminu ma jkunx hekk meqjus (Kost. **30.3.1987** fil-kawza fl-ismijiet **Portelli vs Onor. Prim Ministru et.** Vol: **LXXI.i.25**). Mhux hekk biss, izda kull terminu gudizzjali mhux legali jista` jinbidel

ragonevolment mill-Qorti li tkun stabilietu jew minn Qorti fi grad ta` Appell (App. Kumm. **6.7.1993** fil-kawza fl-ismijiet **Tabone noe vs Mousu` pro et noe.** Vol: **LXXVII.ii.244**).

Illi ladarba l-kawza prezenti kienet, dak iz-zmien (jigifieri ghall-habta ta` Ottubru, tal-1999), pendenti quddiem din il-Qorti, kull terminu impost fis-sentenza appellata kien sospiz u ghalhekk it-talba tal-appellati Portelli biex jitolbu t-tigdid taz-zmien li fih kellu jigi pubblikat il-kuntratt kienet saret meta dak it-terminu kien ghadu ma skadiex (ara App. Civ. **28.06.1948** fil-kawza fl-ismijiet **Spiteri vs Hili** Vol: **XXXIII.i.321**)

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------